# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Mejju 2000**

**Numru 66**

**Citaz. numru 331/85 DS**

Carmel u Doris mizzewgin Cassar

vs

Carmel u Antonia mizzewgin Agius u bi digriet tad- 9 ta' April, 1986, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Joseph Agius, Charles Agius, Paul, Emanuel, George, Mary Theuma mart Francis, Francis mart Anthony Micallef, lkoll ahwa Agius stante l-mewt ta' Carmelo Agius fil-mori tal-kawza

Illum, 26 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Marzu 1985 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi huma proprjetarji ta' diversi oggetti mobbli kif indikati fid-dokument 'A';

Illi dawn l-oggetti jinsabu fil-fond ‘Doris House’, St. Catherine Street, Qormi, liema post huwa taht il-kontroll tal-konvenuti;

Illi l-konvenuti kienu qeghdin jirrifjutaw li jirrestitwixxu l-imsemmija oggetti;

Talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-oggetti msemmija fid-dokument ‘A’ huma proprjeta tal- atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jirrestitwixxu l-imsemmija oggetti lill-atturi fi zmien iffissat minn din il-Qorti;

3. Tikkundanna l-konvenuti illi fin-nuqqas li jirrestitwixxu l-imsemmija oggetti jhallsu lill-atturi l-valur taghhom permezz ta’ perit nominat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

Illi d-domanda tal-atturi hi in parti bla bazi, billi l-eccipjenti ghandhom fil-pussess taghhom uhud biss mill-oggetti pretizi mill-atturi;

Illi inoltre l-istess atturi ghandhom fil-pussess taghhom, propjeta tal-konvenuti ohra u huma tenuti jirrifondu wkoll is-somma ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) li giet mislufa lilhom, oltre li jridu jhallsu l-hsarat li hallew fil-fond "Doris House", St. Cathrine Street, Qormi u sehemhom mill-kont tal-elettriku u tal-ilma;

Illi l-eccipjenti qatt ma rrifjutaw li jroddu lura lill-atturi l-oggetti propjeta taghhom izda huma insistew illi dak li hu dovut lilhom mill-atturi jigi hekk restitwit;

Illi ghall-fini tat-talba rikonvenzjonali taghhom, l-eccipjenti jitolbu biex l-atturi jghidu ghaliex m'ghandiex dina l-Qorti tikkundannahom jirrestitwixxu lill-istess konvenuti l-oggetti li ghandhom fil-pussess taghhom propjeta tal-konvenuti, kif ukoll is-self li sarilhom fl-ammont ta' Lm250 u inoltre jigu kkundannati jhallsu dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' danni, okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi ghall-hsarat li huma hallew fil-fond Doris House, St. Cathrine Street, Qormi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti fejn talbu lil din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-atturi jirrestitwixxu lill-konvenuti l-oggetti li jinsabu ghandhom u li huma propjeta tal-istess konvenuti;

2. tikkundanna lill-atturi jirrifondu lura s-self li sarilhom ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) u biex inoltre

3. tikkundanna lill-atturi jhallsu in linea ta' danni dik is-somma li tigi likwidata, okkorrendo bl-operat ta' perit nominandi ghall-hsarat li hallew fil-fond "Doris House", St. Cathrine Street, Qormi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-atturi ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi l-pretensjonijiet tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

2. Illi l-konjugi Cassar qatt ma sselfu flus minghand il-konjugi Agius.

3. Illi l-konjugi Agius qatt ma riedu jirrestitwixxu l-oggetti lill-konjugi Cassar.

4. Illi l-hsarat indikati mill-konjugi Cassar huma fittizji.

5. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet ta’ l-20 ta’ Jannar 1987 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Saviour Demicoli bhala Assistant Gudizzjarju sabiex *‘(a) jaccerta u jistabilixxi l-kwistjonijiet ta’ fatt u ta’ ligi li jkun hemm f’kaza, kif ukoll dawk il-fatti jew punti ta’ ligi li jkun hemm f’kaza li dwarhom il-partijiet ikunu jaqblu, u li jipprova iwassal lill-partijiet ghal ftehim dwar il-kwistjonijiet li jkun hemm fil-kawza, u li jaghmel rapport dwar dan kollu lill-Qorti; (b) jiehu x-xhieda u jircievi dokumenti ’.* Peress li l-imsemmi Assistant Gudizzjarju ma kienx baqa’ jassisti lill-Qorti, l-inkarigu tieghu gie revokat u minfloku giet nominata l-Av. Dott. Maria Dolores Gauci permezz ta’ digriet ta’ l-1 ta’ Novembru 1993;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Oggetti mobbli allegatament mizmuma mill-konvenuti

1. Il-qofol tal-proceduri odjerni jikkonsisti f'pretensjoni ta' l-atturi ghar-ritorn mill-konvenuti ta' proprjeta' taghhom konsistenti f'oggetti mobbli kif elenkati f'Dok. A a fol 4 u 5 tal-process. Fix-xiehda taghha tad-19 ta'Frar 1987, l-attrici kkonfermat bil-gurament din il-lista u ziedet tghid li l-istess oggetti kienet xtrathom u halset ghalihom hi. Imbaghad fis-seduta tas-17 ta' Mejju 1988, kompliet tispjega li dawk l-oggetti kienet xtrathom meta kienet qeghda tahdem u uhud kienet xtrathom ma' zewgha.

2. Ir-ragel taghha l-attur ikkonferma l-elenku ta' l-oggetti Dok. A fis-seduta ta' l-20 ta' Novembru, 1990, fejn spjega li din kienet giet redatta minnu u mill-mara tieghu u li l-oggetti elenkati kienet xtrathom il-mara tieghu.

3. Ohtha Mary Theuma fis-seduta tal-15 ta' Marzu 1988, xehdet li hi kienet izghar minn ohtha b'hames snin u li kienet ghamlet zmien tghix flimkien ma' ohtha u ma' ommha. Ghalhekk kienet taf x'kien inxtara minn ohtha. Spjegat li l-attrici kienet xtrat kemm diversi pari purtieri, kif ukoll *cushions*, tapiti, vazuni u sahansitra televizjoni. Il-purtieri kienu ghadhom fil-gwardarobba ta' ommha, it-tank ta' l-ilma wkoll kienet hallietu warajha, filwaqt li t-tapit u l-purtieri tas-sajf tal-kuridur, kif ukoll t-tapit tat-tarag kollha ntuzaw. Bhala dota, ohtha kienet xtrat ukoll xugamani, kutri u oggetti ohra tal-kcina.

4. Fid-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, l-istess konvenuti stqarrew li d-domanda attrici kienet in parte mhux fondata ghaliex huma kellhom fil-pussess taghhom uhud mill-oggetti elenkati u mhux kollha. Ziedu jghidu wkoll li huma qatt ma kienu rrifjutaw li jirrilaxxjaw f'idejn l-atturi dawn l-oggetti u fix-xiehda taghha fis-seduta tat-8 ta' Mejju 1992, il-konvenuta Antonia Agius ikkonfermat li l-oggetti ndikati fid-Dok. PS1 a fol 78 tal-process kienu fil-pussess taghha, cioe' dawn kienu ghadhom id-dar taghha.

5. Ghall-bqija ta' l-oggetti, il-konvenuti ma taw l-ebda spjegazzjoni dwarhom u ma pproducew l-ebda prova fil-kuntrarju. Ghalhekk il-Qorti temmen li l-oggetti kollha elenkati f'Dok. A ghadhom jezistu fid-dar tal-konvenuta Antonia Agius, salv ghall-oggetti msemmija fin-numru 31 fil-paragrafu susseguenti.

6. Wara li l-Qorti ezaminat kemm ix-xiehda prodotta, kif ukoll id-Dok. A, jirrizulta li s-segwenti kienu nxtraw mill-attrici jew mill-atturi flimkien u dan bil-prezz indikat:

1. it-tapit tas-salott bi prezz ta' ghaxar liri Maltin (Lm10);
2. is-sett tapiti tal-kamra tas-sodda bil-prezz ta' zewg liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm2.75);
3. is-sett tapiti tal-kamra tal-banju bil-prezz ta' zewg liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm2.75).
4. it-tapit tal-kuridur u tat-tarag bil-prezz ta' seba' xelini u nofs (37c5) il-jarda.;
5. il-hames pari purtieri tal-kuridur tat-terelyn bil-prezz ta' seba xelini u nofs (37c5) il-jarda;
6. il-hames pavaljuni tad-damask homor tal-kuridur bi prezz cirka ta' tlett liri u nofs (Lm3.50);

7-10,12 iz-zewg pari purtieri tad-damask roza skuri tal-bieb tal-gallerija, il-par purtieri tad-damask roza tal-bieb tal-kamra tas-sodda u l-*bedspread* paricc, il-par purtieri tal-bieb tal-gallerija u l-part purtieri tal-kamra tas-sodda tat-terelyn, il-purtieri tal-kannolli tas-salott inxtraw bil-prezz ta' sebghin liri Maltin (Lm70.00);

11. il-par purtieri tad-damask ahmar tal-bieb tas-salott bil-prezz ta' tmien liri u nofs (Lm8.50);

13-14 iz-zewg settijiet tat-*toilet*, tal-kamra tas-sodda, wiehed tal-hajt u l-iehor tan-*nylon*, u zewg settijiet *doilies* b'cirka hames liri (Lm5.00);

15. il-hames *cushions* tal-bellus bil-prezz ta' tlett liri u nofs (Lm3.50);
16. il-sitt *cushions* tal-bellus suwed inhaddmu ghand is-sorijiet tal-Furjana;
17. il-par purtieri blu u l-*cover* tas-salott bil-prezz ta' hmistax-il liri Maltin (Lm15.00);
18. il-par purtieri tan-*nylon* tas-salott il-prezz mhux maghruf;
19. it-tapit kbir tas-salott bil-prezz ta' seba' liri u nofs (Lm7.50);
20. il-par purtieri celesti tat-tieqa tal-kamra tal-banju u l-purtiera ta' mal-bieb bil-prezz ta' cirka zewg liri u nofs (Lm2.50);

21-22 iz-zewg purtieri roza bil-fjuri tal-kamra tas-sodda u il-par purtieri tal-bieb tal-*box-room* b'hames liri Maltin (Lm5.00);

23. is-sett tat-twaletta u l-par gandlieri bil-prezz ta' tlett liri u nofs Maltin (Lm3.50) u zewg liri u hmistax-il xelin (Lm2.75) rispettivament;
24. il-*frame* ma setghetx tiftakar kemm xtratu l-attrici;

25. il-gandlier bil-prezz ta' zewg liri u nofs (Lm2.50);
26. il-*lampshade* fuq il-komodina bil-prezz ta' lira u nofs (Lm1.50);
27. il-erba' tuzzani fjuri bhal tax-xemx, ecetera, l-attrici ma setghetx tiftakar il-prezz taghhom;
28. it-tlett vazuni tal-kamra tas-salott ukoll ma setghetx tiftakar il-prezz taghhom;
29. id-dghajsa li tixghel ta' fuq it-televizjoni bil-prezz ta' lira hmistax-il xelin (Lm1.75);
30. il-pinzell u l-pala tal-*fire-place* il-prezz ma kienetx tafu;
31. iz-zewg lampi tal-mera bit-tubi u tubu *spare*;
32. il-borma kbira u landa kbira taz-zokkor, pero' erga' minghajr indikazzjoni ta' prezzijiet mill-attrici;
33. il-*potty* tal-gharmar abjad li wkoll l-attrici ma kienetx taf il-prezz tieghu;
34. it-televizjoni bl-*aerial* flimkien mal-mejda, bil-prezz ta' mija tmienja u erbghin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm144.30), kif jidher mill-*hire purchase agreement* Dok. 2 a fol 117 u mill-ittra tas- 26 ta' Dicembru, 1968, esebita bhala Dok. 4, li minnu huha Manuel Agius kien hallas tmien liri u nofs (Lm8.50) u li ghalhekk ghandu jitnaqqas, u liema televizjoni minn Dok. 1 a fol 115 jirrizulta li kien fuq isimha;
35. ic-*Chopper* kbira tat-tifel bil-prezz ta' tlieta u sittin liri Maltin (Lm63.00), u dan skond l-ircevuta a fol 114 immarkata bhala Dok. 8 u l-pupa l-kbira bil-prezz ta' tlett liri u nofs (Lm3.50);
*36.* *fan* bi *stand* li ghalih ipproduciet ricevuta Dok. 9 a fol 113 bl-ammont ta' tnejn u tletin liri Maltin u u hamsa u sebghin centezmu (Lm32.75);
37. il-grada tat-tarag prezz ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) skond l-ricevuta Dok. 7 a fol 114;
38. it-tank ta' l-ilma li m'hemmx indikazzjoni tal-prezz tieghu;
39. it-*tape recorder* l-attrici l-prezz tieghu ma kienetx tiftakru;
40. is-suldat tal-metall ma setghetx tiftakar il-prezz tieghu wkoll.

7. Dak li gie kkonstat fil-paragrafu precedenti hu b'eccezzjoni ta' l-oggetti elenkati taht nri. 3 u 31. Mix-xiehda moghtija minn Antonia Agius fis-seduta ta' l-24 ta' April 1997, jirrizulta li t-tapiti elenkati taht nru. 3, bl-uzu taghhom matul dawn l-ahhar hmistax-il sena mhux possibbli li jintraddu lura fl-istat li huma. Ghalhekk il-valur taghhom ta' zewg liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm2.75) ghandu jintradd lill-atturi flimkien ma' l-oggetti kollha l-ohra elenkati, bl-eccezzjoni ta' l-oggetti mnizzla taht nru. 31 li l-attrici fis-seduta ta' l-14 ta' Lulju, 1987, iddikjarat li kienet hadithom.

8. Jekk il-konvenuti jonqsu milli jikkonsenjaw l-oggetti **<u>kollha</u>** elenkati, salv dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, allura l-atturi ghandhom id-dritt li jircievu s-somma komplessiva tal-valur ta' dawk l-oggetti li ghalihom huma ndikaw il-valur taghhom, u cioe' tlett mija tlieta u disghin liri Maltin u hames centezmi (Lm393.05) u dan apparti s-somma ta' zewg liri u hamsa u sebghin centezmu (lm2.75) ghall-item numru 3 u bl-eccezzjoni

a. tal-valur ta' l-oggetti elenkati taht nri. 16, 18, 24, 27, 28, 30, 32, 33, 38, 39 u 40 fejn naqsu milli jressqu prova dwar il-valur taghhom; u
b. tal-valur ta' l-oggetti elenkati taht nri. 4 u 5 fejn l-atturi naqqsu li jgibu prova dwar kemm-il jarda fihom dawn l-oggetti, jew almenu tal-valur taghhom.

9. Jekk il-konvenuti jonqsu li jikkonsenjaw **<u>uhud</u>** mill-oggetti elenkati allura l-atturi mbaghad ghandhom id-dritt li jezigu l-valur komplessiv ta' dawk l-oggetti skond l-elenku maghmul aktar 'il fuq (ad eccezzjoni ta' l-oggetti msemmija f'para 8a u 8b li dwarhom ma saret l-ebda prova ta' valur).

Kontro-talba: l-oggetti appartenenti lill-konvenuti

10. Fix-xiehda taghha moghtija fid-19 ta' Frar 1987, l-attrici Doris Cassar iddikjarat li hi ma kellha l-ebda oggett appartenenti lill-konvenuti, u li kien fil-pussess taghha. Jigi osservat li l-konvenuti naqqsu milli jipproducu provi fir-rigward ta' l-oggetti li ghandhom jigu ritornati lilhom u fil-fatt lanqas ma xehdu huma stess dwarhom sabiex jaghtu ndikazzjoni x'inhuma dawn l-oggetti. Ghalhekk din it-talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda.

Kontro-talba: Is-self ta' flus lill-atturi

11. Ghalkemm il-konvenuti qeghdin jippretendu li tinghata lura lilhom is-somma ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250.00), rapprezentanti dik is-somma komplessiva ta' l-ammonti mislufa lill-atturi, huma naqsu milli jipproducu hawn ukoll prova fir-rigward. L-attrici fis-seduta tad-19 ta' Frar 1987, iddikjarat li l-konvenuti qatt ma kienu selfuhom flus. Ghalhekk din it-talba rikonvenzjonali wkoll ghandha tigi michuda ghaliex wiehed ma jistax jistrieh merament fuq allegazzjoni ta' parti wahda kontra l-

parti l-ohra meta dik l-ewwel parti ma gabet l-ebda prova sabiex tissustanzja t-talba taghha u li b'xi mod tista' twassal lill-Qorti biex tiddeciedi fuq bilanc ta' probabilta`.

Kontro-talba: Hlas ta' hsara

12. Erga' fis-seduta tad-19 ta' Frar 1987, l-attrici kkonfermat li huma qatt ma kienu ghamlu hsara fir-residenza tal-konvenuti kif pretiz u sahansitra guramentat mill-konvenuti permezz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet u tad-dikjarazzjoni taghhom. Fl-istess nota taghhom, il-konvenuti kienu talbu li l-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnhom sabiex imbaghad tghaddi ghall-kundanna ghall-hlas taghhom. Il-konvenuta fis-seduta tas-17 ta' Mejju 1988, ipprezentat relazzjoni tal-hsarat allegati li kienet giet preparata mill-Perit Anthony Borg fuq inkarigu taghha. F'din ir-relazzjoni hemm elenkati diversi hsarat ammontanti ghal tnejn u disghin liri Maltin (Lm92.00). Izda l-konvenuti ma ressqu l-ebda prova sabiex jikkonvincu li dawn il-hsarat wara kollox saru mill-istess atturi. Jigi biss osservat li fic-certifikat tal-Perit Borg hemm referenza ghal tarag li kien jiehu ghal fuq il-bjut li nqala' u li minfloku sar tarag gdid tal-konkos, pero` filwaqt li l-ewwel tarag kien miksi dak li sar mhux miksi. L-attur fil-fatt stqarr li kien kisser it-tarag u ghamel tarag gdid u dan, flimkien ma' zewgt ikmamar fuq il-bejt u dan fuq insistenza tal-konvenuta: dan kollu sar a spejjez tieghu. Jekk it-tarag baqa' ma nkesiex, ma tistax il-konvenuta tippretendi li dan handu jitqies bhala hsara li ghamlu l-atturi galadarba x-xoghol sar fuq insistenza taghha (hija fil-fatt ma kkontestatx dak li sostna l-attur f'dar-rigward). Ghalhekk din it-talba konvenuta wkoll ghandha tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti, tichad l-eccezzjonijiet taghhom, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara li l-oggetti msemmija fid-dokument 'A' huma proprjeta` ta' l-atturi,
(2) tikkundanna lill-konvenuti jirrestitwixxu l-imsemmija oggetti (eskluz l-item numru 31 li diga' ttiehed mill-atturi) u jhallsu s-somma ta' zewg liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm2.75) ghall-item numru 3 ghar-ragunijiet suesposti u dan fi zmien xahar millum u

(3) tikkundanna lill-konvenuti li fin-nuqqas li jirrestitwixxu l-imsemmija oggetti, jew uhud minnhom, fit-terminu moghti, ihallsu lill-atturi l-valur taghhom kif stabbilit u bil-modalita` ndikata fil-paragrafi numri sitta (6) sa disgha (9).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Onor. Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**